

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-24 ta' Ġunju 2015 – Fresh Del Monte Produce, Inc. vs Il-Kummissjoni Ewropea, Internationale Fruchthandelgesellschaft Weichert GmbH & Co. KG (C-293/13 P), Il-Kummissjoni Ewropea vs Fresh Del Monte Produce, Inc., Internationale Fruchthandelgesellschaft Weichert GmbH & Co. KG (C-294/13 P)**

(Kawżi magħquda C-293/13 P u C-294/13 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-banana — Koordinazzjoni fl-iffissar tal-prezzijiet ta' referenza — Kunċett ta' "unità ekonomika" bejn żewġ kumpanniji — Kunċett ta' "influenza determinanti" — Imputabbiltà tal-aġir ta' kumpannija lil kumpannija oħra — Żnaturament tal-provi — Oneru tal-prova — Prinċipju in dubio pro reo — Kunċett ta' "ksur uniku u kontinwu" — Kunċett ta' "prattika miftiehma" — Kunċett ta' "ksur bl-għan" — Impriżi membri ta' akkordju — Komunikazzjoni ta' informazzjoni lill-Kummissjoni — Obbligu legali — Portata — Dritt għall-protezzjoni kontra l-awtoinkriminazzjoni — Intervenjent fl-ewwel istanza — Appell inċidentali — Ammissibbiltà)*

(2015/C 279/04)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

### Partijiet

(Kawża C-293/13 P)

Appellanti: Fresh Del Monte Produce, Inc. (rappreżentanti: B. Meyring u L. Suhr, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Biolan, M. Kellerbauer u P. Van Nuffel, aġenti), Internationale Fruchthandelgesellschaft Weichert GmbH & Co. KG (rappreżentanti: K. Smith, QC, C. Humpe u S. Kon, solicitors)

(Kawża C-294/13 P)

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: Biolan, M. Kellerbauer u P. Van Nuffel, aġenti)

Partijiet oħra fil-proċedura: Fresh Del Monte Produce, Inc. (rappreżentanti: B. Meyring u L. Suhr, avukati), Internationale Fruchthandelgesellschaft Weichert GmbH & Co. KG (rappreżentanti: K. Smith, QC, C. Humpe u S. Kon, solicitors)

### Dispożittiv

- 1) L-appell fil-Kawża C-293/13 P u l-appelli inċidentali fil-Kawżi C-293/13 P u C-294/13 P huma miċħuda.
- 2) Il-punt 1 tad-dispożittiv tas-sentenza *Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni* (T-587/08, EU:T:2013:129) huwa annullat.
- 3) L-ammont tal-multa imposta skont l-Artikolu 2(c) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2008) 5955, tal-15 ta' Ottubru 2008, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (Każ COMP/39188 – Banana), huwa stabbilit għal EUR 9 800 000.
- 4) *Fresh Del Monte Produce Inc.*, hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta, minn naħa, mal-appelli prinċipali fil-Kawżi C-293/13 P u C-294/13 P kif ukoll, min-naħa l-oħra, mal-appell inċidentali tagħha fil-Kawża C-294/13 P, bl-eċċezzjoni ta' dawk sostnuti minn *Internationale Fruchthandelgesellschaft Weichert GmbH & Co. KG*, li għandha tbatlha l-ispejjeż rispettivi tagħha marbuta mal-imsemmija proċeduri kollha.
- 5) *Internationale Fruchthandelgesellschaft Weichert GmbH & Co. KG*, hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta mal-appelli inċidentali fil-Kawżi C-293/13 P u C-294/13 P.

<sup>(1)</sup> ĠU C 252, 31.08.2013.